# LECTIO DIVINA

# 2 ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

**Mt 17:1-9**

**Il-Kuntest:**

Ir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni hu mument ċentrali fil-Vanġelu ta' Mattew. Fl-ewwel parti tal-Vanġelu, in-nies jistaqsu dwar l-identità ta' Ġesù u l-awtoritajiet reliġjużi jibqgħu jinsistu sal-aħħar fuq sinjal mis-sema li jikkonferma l-identità tiegħu (Mt: 16:1). Ftit versi qabel dan ir-rakkont, niltaqgħu ma' Pietru li jagħmel l-istqarrija tal-filjolanza divina ("Inti l-Messija, bin Alla l-ħaj") u Ġesù jaffermah bħala "il-blata" li fuqha jibni l-komunità l-ġdida (Mt: 16:16ss), iżda ftit biss wara l-istess Pietru ma jkunx lest jilqa' l-ewwel tħabbira tal-Passjoni, jiġifieri jirrifjuta l-idea tal-Qaddej Sofferenti li jagħti ħajtu għall-merħla – immaġni li tispikka fir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni fl-espressjoni "li fih sibt l-għaxqa tiegħi" (Is 42,1).

It-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni hi l-manifestazzjoni/rivelazzjoni sħiħa tal-identità ta' Ġesù l-Iben ta' Alla. Hemm fuq il-muntanja, il-post fejn il-bniedem jiltaqa' ma' Alla li jirrivela lilu nnifsu lill-bniedem li jersaq lejh, hu Alla nnifsu li jitkellem dwar Ibnu. Bħal Pietru, huma hienja dawk li jilqgħu r-rivelazzjoni li jagħmel Alla f'Ibnu Ġesù – "Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet" (Mt 16:17) – jiġifieri huma hienja dawk li jiftħu qalbhom għal Alla biex jilqgħu d-Don tiegħu, u fl-Iben isiru wlied.

Wara din il-ġrajja, Ġesù jimxi lejn Ġerusalemm, fejn il-kelma mħabbra u l-Kelma-laħam jitwettqu fil-ġrajja tal-Għid.

**L-eżiġenzi tad-Dixxipulat:**

L-eżiġenza tad-dixxipulat hi waħda radikali: tfisser tisħib sħiħ fl-għotja ta' Kristu – "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja" (Mt 16:24). Imma min jimxi wara Kristu sal-aħħar, għad jieħu sehem ukoll fid-dija u l-glorja tal-qawmien: "Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma' Kristu" (Rum 6:8) / "Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll" (2 Tim 2:11).

Biex jimxi wara Kristu, id-dixxiplu jrid "jisma' minnu" – dak li ma kienx lest jagħmel Pietru quddiem l-ewwel tħabbira "Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!" (Mt 16:22)

**[1](Sitt'ijiem wara,)**

It-Trasfigurazzjoni sseħħ fis-7 jum, il-jum tal-mistrieħ fl-opra tal-ħolqien, meta l-ħolqien laħaq il-milja tiegħu. L-istess ħolqien "għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas" (Rum 8:22) u mal-ħolqien "aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna" (Rum 8:23)... dak il-"ġisem" li llum deher kollu dija. Il-ħolqien, u b'mod partikulari l-bniedem, mhuwiex destinat għall-qerda, għall-mewt, biex jiġi "sfigurat", imma biex jiġi "ittrasfigurat", "bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla" (Rum 8,21), fl-Iben trasgfigurat u glorifikat bir-rebħa definittiva fuq il-mewt.

**Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil ħuh Ġwanni, tellagħhom fuq muntanja għolja weħidhom**

F'Eż 24,9ss naraw kif Mosè tella' miegħu lil Aron, Nadab u Abiħu fuq is-Sinaj, fejn Alla wera l-glorja u d-dija tiegħu. L-istess tliet xhieda li semgħu l-Missier isejjaħ lil Ibnu fuq it-Tabor, aktar tard fil-Ġetsemani se jisimgħu lill-Iben isejjaħ lill-Missier fit-tbatija. L-għolja tat-Trasfigurazzjoni (it-Tabor) u l-għolja taż-żebbuġ jintrabtu flimkien f'rivelazzjoni reċiproka, fejn id-divinità glorjuża tintwera fl-umanita fraġli u mortali, sakemm il-mewt tinbela' fir-rebħa (ara 1 Kor 15:54), u hekk "Alla jkun kollox f'kollox" (1 Kor 15:28).

**[2]u tbiddel quddiemhom**

Il-Grieg juża l-kelma "metamorfosi", li tfisser tibdel (μετα- [*meta]*) il-forma (μορφή [*morphe]*). Fir-reliġjonijiet pagani, il-metamorfosi kienet timplika li l-allat jassumu sembjanzi umani. Hawn, l-umanità tassumi l-forma u d-dija divina u fiha tilma l-glorja tal-Iben. Dan hu d-"destin" ta' kull bniedem fil-Bniedem Alla, meta l-ġisem jilbes in-nuqqas ta' taħsir (ara 1 Kor 15,53-54). Ġaladarba l-ġisem hu għall-Mulej (ara 1 Kor 16:3ss), mela nagħtu glorja lil Alla permezz ta' ġisimna wkoll (ara 1 Kor 16:20).

**Wiċċu sar jiddi bħax-xemx**

Waqt li f'Luqa "id-dehra ta' wiċċ (Ġesù) tbiddlet" (Lq 9:29), biex min jara lilu jara lill-Missier (ara Ġw 14:8ss), f'Mt wiċċu jsir jiddi bħax-xemx, dik ix-xemx li ġiet "iżżurna mill-

għoli” biex “iddawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt” (ara Lq 1:78-79). Hekk il-ġnus kollha għad jimxu fid-dija ta’ sebħ il-Ħaruf lejn Ġerusalemm tas-sema (ara Is 60:8; 2:2), sa ma jisbaħ il-jum li qatt ma jgħib, u d-dija tal-Ħaruf tkun aktar qawwija mix-xemx (ara Apok 21:23).

*At the very beginning of the year, on 1 January, we heard in the liturgy the most beautiful prayer of blessing upon the people: "May the Lord Bless you and keep you. May the Lord make his face shine on you, and be gracious to you. May the Lord uncover his face to you and bring you peace (Num 6:24-26). The splendour of the divine face is the source of life, it is what makes it possible to see reality; the light of his face is guidance for life.* (Benedict XVI, General Audience, Wednesday 16 January 2013.)

- *Ara* Ġw 12:21; Salm 27:9-9

**u lbiesu sar abjad bħad-dawl**

Waqt li f’Mk 9:3 “Lbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb” u f’Lq 9:29 “l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex”, f’Mt il-bjuda hi relatata direttament mad-dawl. Id-dawl hu element divin, l-ewwel att tal-ħolqien li jirbaħ id-dlam (ara Ġen 1:3) u juri kull ħaġa oħra fil-verità tagħha. Hekk id-dawl jiġi assoċjat mal-għarfien tal-verità: b’dal-mod, it-talba ta’ Salamun għall-għerf (ara Għerf 9:4) issir l-għanja tad-dixxiplu li fil-Kelma jagħraf jiddawwal bl-għerf ta’ Alla biex jgħix fil-verità (“*Dawwal moħħi, Mulej, bid-dawl tiegħek, / bl-għerf imqaddes ta’ kliemek sabiħ, / li jwassalni fuq l-għolja fit-tempju, / fejn int qiegħed issaltan rebbieħ.”*)

Aħna wkoll imsejħin biex naraw il-Mulej “wiċċ imbwiċċ” (1 Kor 13,12) u nirriflettu “b’wiċċna mikxuf” il-glorja tiegħu sakemm niġu ttrasformati fih (ara 2 Kor 3,18), “nieħdu s-sura fuq ix-xbieha” tal-Iben, li hu “il-kbir fost ħafna aħwa” (Rum 8:29). Nimtlew bid-dawl biex nimxu fid-dawl ħalli ma nitfixklux (ara Ġw 12:35), biex ma nħallux dlam fina (1 Ġw 1:5ss), u nsiru dawl jiddi fid-dlam (ara Ġw 1:5; Mt 5:16).

**3 U dehrulhom Mosè u Elija jitħaddtu miegħu.**

Ir-riferiment kontinwu għat-tħabbira tal-Antik Testment li titwettaq fi Kristu hu karatteristika partikulari ta’ Mattew. Mhux biss fil-persuni ta’ Mosè u Elija – il-Liġi u l-Profeti – li “jikkonfermaw” il-filjolanza divina u, b’konsegwenza, huma stess jiġu “ikkonfermati” mill-Iben u mill-Missier, imma r-rakkont tat-Trasfigurazzjoni jagħmel diversi allużjonijiet għall-A.T.: fin-Nazzarenu jseħħu l-kelmiet tal-profeti (Mt: 2:23); Ġesù hu Mosè, il-profeta mixtieq u mistenni (“Il-Mulej, Alla tiegħek, iqajjimlek profeta bħali minn ġensek, minn fost ħutek;

lilu għandkom tisimgħu" – Dewt 18:15), li temm il-luttu tal-poplu l-antik, li issa f'Ġesù, bid-dija tiddi fuq wiċċu (ara Eż 39), jista' mill-ġdid jara lil Alla wiċċ imbwiċċ (ara Dewt 34:9-12); bħal Mosè, Ġesù jitla' fis-sħaba ta' Alla, flimkien ma' Aron, Nadab u Abiħu, fil-patt tas-Sinaj (Eż 24:1.9.15ss).

Il-Liġi u l-Profeti jitkellmu *dwar* l-Iben u jitkellmu *mal*-Iben. Iż-żewġ personaġġi jagħtu lehma ta' immortalità, li tidher fid-dija tal-ġisem ittrasfigurat, għax it-tnejn "ma rawx il-mewt": Elija ġie mtellgħa s-sema f'karru tan-nar (2 Slat 2,1ss), waqt li Mosè, li ra l-Mulej wiċċ imbwiċċ u qabru "ħadd ma jaf fejn hu" (Dewt 34:6), skont it-tradizzjoni midraxika ġie maħtuf lejn is-sema permezz ta' bewsa ta' Alla fuq fommu (http://www.archivio-torah.it/FESTE/simhattora/midrashmortemose.pdf).

**4Qabeż Pietru u qal lil Ġesù: «Mulej, kemm hu sew li aħna hawn!**

Id-destin aħħari tagħna hu propju li noqogħdu fil-preżenza glorjuża tal-Iben, li nidħlu fl-art tal-wegħda, fil-jum tal-mistrieħ! Jasal iżda min jisma'.

Alla jsib il-mistrieħ fl-Iben, dak l-Iben li jisma' lill-Missier u jsir qaddej (ara Is 42:1). Is-sbuħija tal-Iben toħroġ fil-qadi tiegħu, fl-ubbidjenza sħiħa għall-kelma tal-Missier. Aħna nistgħu b'fiduċja "nisimgħu lilu" għax Hu għamel il-kelma ta' Missieru.

Wieħed joqgħod fejn hemm is-sabiħ, u hemm il-qalb issib il-mistrieħ. Il-qalb dejjem tfittex u tagħmel mill-bniedem *viator,* pellegrin li jfittex li jistrieħ f'Alla, li ħalqu għalih (Santu Wistin). Fl-istess waqt mhux kull ma jidher sabiħ hu veru. L-għajnejn jistgħu jitħajru minn dak li jleqq u mhux deheb (ara Ġob 31:7), għax l-għajnejn ma jixbgħu qatt jaraw (ara Koħ 1:8).

- X'hemm li qed jiġbidni bit-tlellix imma li mhux dawl? X'hemm li qed jorbotni u jxekkilli l-libertà? Ir-riskju tad-dnub - *aversio a Deo, conversio ad creaturam* – mhux daqstant 'il bogħod minni! Kemm u kif insib il-mistrieħ tiegħi fir-Ragħaj is-Sabiħ? (ara Ġw 10:11ss; Salm 23:1)

**Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija.»**

Hawn għandna allużjoni għall-festa tal-Għerejjex. Il-Mulej għamel l-ewwel "għarix" fost il-bnedmin permezz tal-kelma tiegħu fil-ħolqien. Għarix fil-Grieg hi *skenè,* li joqrob lejn l-Ebrajk *shekinah,* il-glorja ta' Alla fost il-poplu. Alla kompla jgħammar bil-kelma tiegħu – imwassla mill-profeti – sa ma fl-aħħar, b'mod definittiv, "il-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità" (Ġw 1:14). Hu l-"Iben il-waħdieni" (Ġw 1:18) li jurina l-Missier.

**5Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom,**

Is-sħaba hi manifestazzjoni ta' Alla (ara Eż 14:20; 19:16; 24:15s; 40:34s; 2 Mak 2:7s; 1 Slat 8:10-12), li ħadd ma jista' jara wiċċu jew il-glorja tiegħu u jibqa' ħaj (ara Eż 33:18-23). Madankollu, "għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier" (Ġw 1:18).

**u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: «Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu.»**

Il-"leħen" tal-Missier jalludi għas-Salm 2, is-salm tal-intronizzazzj
oni tal-Messija (Irrid inxandar id-digriet tal-Mulej; hu qalli: "Ibni int, jien illum nissiltek." v.7); is-sagrifiċċju ta' Iżakk – "l-iben maħbub" (Ġen 22:2.12.16); il-Qaddej sofferenti (Is 42:1).

Il-Missier, li lejh id-dixxipli jrid idur bħala iben fit-talb u għalih irid jaħdem biex tiġi saltnatu, jitkellem mill-ġdid biex jerġa' jikkonferma dak li hu stess kien qal fil-magħmudija ta' Ġesù. Hekk, il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni tikkonferma l-għażla li għamel Ġesù fil-magħmudija tiegħu u t-triq li mexa sa issa, issir tħabbira tal-mixja li Ġesù fadallu jagħmel sal-għolja tas-salib, u fl-istess waqt antiċipazzjoni tar-rebħa sħiħa u definittiva ta' Kristu fil-glorja. L-Iben, li jisma' lill-Missier u jwettaq ir-rieda tiegħu, issa jsir hu stess il-Kelma li d-dixxiplu jrid jisma' u jagħmel, biex hu wkoll isir iben għażiż li fih il-Missier jitgħaxxaq. *("Gloria enim Dei vivens homo, vita autem hominis visio Dei" – Irinew)*

- Lili wkoll sejjaħli biex nimxi warajh. Kull laqgħa miegħu hi konferma li jien ibnu maħbub. Il-proċess tal-formazzjoni hu proċess ta' trasformazzjoni, sabiex fis-saċerdozju tiegħi nkun nista'ntirrifletti d-dija tiegħu, biex oħrajn jisimgħuh u jitgħaxxqu bih. Kif qed iseħħ dan bħalissa f'ħajti?
- Alla hu dak li jitkellem, dak li jidħol fi djalogu. Min se jisimgħu? Se jkun hemm art tajba fejn il-kelma tiegħu taqa' u taqbad? (ara Mt 13:4-9) – (Ara Is 66:4; Ġer 5:23; 7:28; Prov 28:9)

**6Id-dixxipli, kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin biża'. 7Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom: «Qumu. La tibżgħux.»**

Il-qawwa tad-dija tax-xemx tbiegħed il-ħarsa tagħna minnha! Id-dixxipli jibżgħu mill-kobor li jgħaxxaq ta' dak li "għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak Alla lesta għal dawk li jħobbuh" (1 Kor 2:9). Tassew li min jara lil Alla jmut! Imma l-Mulej jirbaħ ukoll fuq il-mewt, u jmidd idejh fuq id-dixxipli biex "iqajjimhom", jirxuxtahom flimkien miegħu.

**[8]Huma refgħu għajnejhom u ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù waħdu.**

Ġesù waħdu hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem (ara 1 Tim 2:5). Hu waħdu miexi lejn Ġerusalem biex ikun il-Qaddej li jsalva għax iħobb u għax kien ubbidjenti. Dan f'kuntrast mal-ewwel bniedem li ma riedx jisma' (ara Rum 5:12ss).

**[9]Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, Ġesù ordnalhom u qalilhom: «Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet.»**

Ma jistax ikun hemm glorja tal-qawmien jekk ma jkunx hemm ukoll is-salib u l-mewt. Dak li tela' fuq il-muntanja tal-glorja hu wkoll dak li niżel sa qiegħ l-art biex jissieħeb fl-abbiss tal-bniedem (ara Ef 4:9s) Hekk biss seta' jiġi merfugħ 'il fuq għax kien hu li tbaxxa mill-għoli tiegħu - *kenosi* (ara Fil 2:6-9).

The desire to know God truly, that is, to see God's face, is innate in every human being, even in atheists. And perhaps we unconsciously have this wish simply to see who he is, what he is, who he is for us. However this desire is fulfilled in following Christ, in this way we see his back and, in the end, we see God too as a friend, in Christ's face we see his face. The important thing is that we not only follow Christ in our needy moments or when we find a slot in our daily occupations, but in our life as such. The whole of our life must be oriented to meeting Jesus Christ, to loving him; and, in our life we must allocate a central place to loving our neighbour, that love which, in the light of the Crucified One, enables us to recognize the face of Jesus in the poor, in the weak and in the suffering. This is only possible if the true face of Jesus has become familiar to us through listening to his word, in an inner conversation with him, in entering this word so that we truly meet him, and of course, in the Mystery of the Eucharist. (Benedict XVI, General Audience, Wednesday 16 January 2013.)